# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001 .

### Avviz numru : 34/99G2(PC)

**Maltacom plc .**

**VS**

**Reno Gauci .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti li jhallas lill-istess socjeta' attrici Maltacom p.l.c. s-somma ta' hames mija u sitta u disghin lira maltin u tlieta u tletin centezmu(Lm596.33), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni man-numru tat-telefon 563275 (CN – 6511) liema servizz gie installat fil-fond "Creek Pub", Marsalforn Road, Marsalforn skond ma kif jidher mill-kopja tas-"service agreement" hawn anness dokument 'A' .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali, tal-10 ta' Settembru 1998, it-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut, debitament ingunt ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut illi ggib id-data tal-hdax (11) ta' Mejju, 1999 . Innutat illi l-istess konvenut minkejja li gie debitament notifikat b'dan l-avviz baqa' kontumaci .**

**Rat ukoll il-verbal maghmul illum waqt l-udjenza fejn Dr. Grezzju Mercieca ghan-nom tas-socjeta' attrici ddikjara l-mertu gie mhallas, u rriserva l-kap tal-ispejjez .**

**Il-Qorti tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjez billi tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess spejjez ta' din il-kawza lis-socjeta' attrici .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

Si3499Pc **Ghar-Registratur .**